***Il-Ġimgħa 25 ta' Marzu***
**Il-Ġimgħa l-Kbira**

| | |
|---|---|
| Fis-7:00am – | Viżti. |
| Fit-8:00am – | Talb flimkien: L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum, animat mill-Kappillan u s-Sorijiet Dumnikani. |
| Fid-9:00am – | Viżti animati mill-membri tal-MUSEUM – Bniet. |
| Fl-10:00am – | Ħin ta' skiet, ġabra u talb personali. |
| Fil-11:00am – | Viżti animati mill-membri tal-MUSEUM – Subien. *Il-knisja tagħlaq f'nofs in-nhar.* |
| Fis-2:30pm – | Via Sagra. |
| Fit-3:00pm – | Funzjoni tal-Passjoni tal-Mulej. |

***Is-Sibt 26 ta' Marzu***
**Sibt il-Għid**

| | |
|---|---|
| Fit-7:45am – sat-8:15am | Talb flimkien fil-knisja ta' Santa Marija: L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum. |
| Fis-6:00pm – | Qrar. |
| Fit-8:00pm – | Funzjoni tal-Vġili tal-Għid bil-Magħmudija. |

***Il-Ħadd 27 ta' Marzu* – L-Għid il-Kbir**

| | |
|---|---|
| Fit-8:15am – | Quddies bis-sehem tat-tfal u bit-Tberik tal-Figolli. |
| Fis-6:00pm – | Quddiesa bit-Talba tal-Għasar. |

Il-Kant tal-Funzjonijiet Reliġjużi Prinċipali isir mill-Kor *'Sine Macula'*, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tony Pace.

IEQAF u AĦSEB

## Sallaba mas-Salib

Jekk għandek xi wġigħ moħbi,
Xi toqol jew xi telf,
Ix-xewqa kbira ta' fejqan ...
SALLABA MAS-SALIB

Jekk l-inkwiet ma jħallikx torqod,
iżda jkissrek bit-thewdin,
Jekk qalbek hija mtaqqla ...
SALLABA MAS-SALIB

Kull ostaklu għall-fidi,
jew dubju li tiffaċċja,
Kull talba mhix imwieġba ...
SALLABA MAS-SALIB

Għax Kristu tgħabba bi dnubna
u ħallas b'saħħtu l-prezz
biex jibdel tagħna l-prova
f'ta' Alla l-għeżeż rebħ ...
IMSALLAB MAS-SALIB

If you have a secret sorrow,
a burden or a loss,
An aching need for healing….
HANG IT ON TH CROSS

If worry steals your sleep
and makes you turn and toss,
If your heart is feeling heavy….
HANG IT ON THE CROSS

Every obstacle to faith
or doubt you come across,
Every prayer unanswered…..
HANG IT ON THE CROSS

For Christ has borne our brokenness
and dearly paid the cost
To turn our trials to triumph…..
HANGING ON THE CROSS

*Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270*



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI

**Tel: 21649223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## TLIBBES LIL MIN HU GĦERI

***Mur ifhem il-Moda?***

Xi kultant ikolli nistqarr li nitfixkel xi jkun moda bħalissa! Mhux għax ninteressa ruħi wisq fiha, imma filli tara lil xi wħud li jkunu lebsin bosta ħwejjeġ tad-ditta, u filli tara lil xi ġuvni jew tfajla li aktar tista' tgħid ikollhom fuqhom ħwejjeġ imqattajn milli ġodda, u meta tistaqsi jgħidulek għax moda, u filli tara lil xi wħud li aktar iħossuhom attraenti u mingħalihom iħallu impressjoni għax ikollhom ilbies mill-anqas! Imma jkollna nammettu wkoll li ma' din il-kategorija, tal-ilbies mill-anqas jew saħansitra xejn, insibu lil dawk li mhux b'kapriċċ jew b'għażla, imma għax ma jistgħux jagħmlu mod ieħor, għax ftaqru, għax litteralment jispiċċaw b'xejn u bilkemm għandhom għaxja ta' lejla. Quddiem nies f'din is-sitwazzjoni, ġiet kif ġiet, bħala nsara ma nistgħux nibqgħu indifferenti, bħallikieku ma ġara xejn, imma għandna kmand ċar li rridu ngħixuh!

***Kmand preżenti fil-Bibbja sħiħa***

Il-fatt li Ġesù, u miegħu l-Knisja, jitolbuna li "nlibbsu lil min hu għeri" huwa att li jissemma mhux biss fil-Ġdid Testment, imma saħansitra fl-Antik ukoll. Infatti l-profeta Isaija jħeġġeġ: "libbes lil min tara għarwien." (Is 58,7). Mill-banda l-oħra, apparti f'Mattew 25, fl-ittra ta' San Ġakbu naqraw: "X'jiswa, ħuti, li wieħed jgħid li għandu l-fidi jekk ma jurihiex fl-għemil tiegħu? Jaqaw tista' ssalvah din il-fidi? Jekk ħuk jew oħtok ma jkollhomx x'jilbsu u jonqoshom l-ikel ta' kuljum, u wieħed minnkom jgħidilhom: "Morru bis-sliem, isħnu u kulu sa' tixbgħu", bla ma jagħtihom dak li hu meħtieġ għall-ġisem, dan x'jiswa? Hekk ukoll il-fidi: jekk tkun weħidha u ma jkollhiex l-għemil, tkun mejta fiha nfisha. (Ġakbu 2,14-17). Għaldaqstant, dan l-ordni m'għandniex nifhmuh bħal att li biex nosservawh għandna sempliċiment inbattlu l-gwardarobbi tagħna biex neħilsu mill-ħwejjeġ qodma billi nagħtuhom karità, biex nerġgħu nimlew il-gwardarobbi b'aktar ħwejjeġ ġodda. Ma taħsbux li hemm aktar minn hekk?

***Niskopru t-Tifsira tal-Ilbies u ta' dan il-Ġest***

F'għajnejn xi wħud, li m'għandhomx tort sa' barra, dan il-ġest jarawh ftit problema għax li wieħed jiltaqa' ma xi ħadd li hu għeri fil-ħajja huwa vera rari. Aħna ma tantx niltaqgħu ma' nies li ma għandhomx x'jilbsu, u dan forsi anke għall-fatt li ċertu istituzzjonijiet jieħdu ħsieb sew li jlibbsu lill-foqra u lin-nies bla saqaf fuq rashom. Imma fil-verità, b'dan il-ġest għandna nirrealizzaw li Alla jridna nkunu attivi fil-ħidmiet tal-ħniena u li nmissu fil-konkret il-ħajjiet tal-persuni li niltaqgħu magħhom. Għax il-ħwejjeġ u l-ilbies għandhom sinjifikat u jipprovdu minn tal-anqas għal 2 bżonnijiet bażiċi: id-dinjità u l-protezzjoni.

L-ewwel u qabel kollox għandna nagħrfu li l-ilbies għandu lingwaġġ, għandu grammatika li jfisser ħafna mill-karattru u mill-kultura tagħna. Il-ħwejjeġ ifissru u saħansitra jesprimu d-disponibiltà u dak li hemm fil-qalb.Infatti l-Parabbola tal-Festa tat-Tieġ, fejn wieħed mill-mistednin ġie mitfugħ 'il barra mis-

*ikompli f'paġna 2*

sala minħabba li ma libisx il-libsa xierqa għat-tieġ (Mt 22, 1-14) turina li n-nuqqas ta' lbies, jew l-ilbies mhux adatt kapaċi jkun saħansitra disprezz u insult, umiljazzjoni u serq tar-reputazzjoni fil-komunità. F'dan id-dawl, mhux ta' b'xejn li hawn min iqis lil dan il-ġest tal-ħniena, li tlibbes lil għeri, hu sfida għalina biex nikkonfrontaw dawk ir-realtajiet soċjali li jneżżgħu lill-bniedem minn kull dinjità, bħalma huma l-pjaga tal-pornografija u tal-abbuż sesswali! Ironikament tajjeb nagħrfu wkoll li jneżżgħu lill-persuni mid-dinjità kapaċi jkunu l-ħwejjeġ stess li jinbiegħu f'*sales* u *bargains* iżda li jkunu saru bi sfruttament ta' ħaddiema li jkollhom jipproduċu x-xogħol f'kundizzjonijiet iebsa u għal ftit flus. Quddiem dawn is-sitwazzjonijiet m'għandniex nippretendu li mhu jiġri xejn, imma għandna nagħrfu r-responsabbiltà morali u naġixxu b'mod ġust.

Mill-banda l-oħra għandna nagħrfu li l-ħwejjeġ jistgħu ikunu anke sagramentali. Fl-Antik Testment insibu attenzjoni kbira għall-ħwejjeġ tal-Qassis il-Kbir. U b'mod simili San Pawl jgħidilna: "Ilbsu lil Sidna Ġesù Kristu u ħallukom mill-ħsieb tal-ġisem u l-ġibdiet tiegħu." (Rum. 13, 14). B'mod simili, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, il-Knisja, permezz tas-saċerdot, tistqarr: "Inti sirt ħolqien ġdid u lbist lil Kristu. Qis li din il-libsa bajda tkun għalik sinjal tad-dinjità tiegħek."

***Fil-Ħajja tal-Qaddisin***

Eżempju ċar u sinonimu ma' qaddis li jipprattika dan l-att ta' ħniena hu San Martin ta' Tours, li waqt li kien qed jaqdi bħala suldat jara lil raġel fqir jitriegħed bil-bard u qasam il-mantell tiegħu fi tnejn biex jaqsmu mat-tallab. Eżempju aktar qrib lejn żmienna hi Madre Tereża ta' Kalkutta. Kull filgħodu kienet tmur fit-toroq biex issib nisa u irġiel li kienu morda ħafna biex jieħdu ħsieb tagħhom infushom. Wara li kienet teħodhom għall-kura, kienet taħsilhom, tlibbishom u titmagħhom. Hi kienet temmen li kull persuna jixraqilha tkun stmata b'dinjità u hekk fittxet li tgħin tul ħajjitha kollha lil dawk li huma foqra, fraġli, minsija għax bla familja u ħbieb, lil dawk li tista' issejħilhom inviżibbli. Biss hi kienet konxja li mhux kulħadd hu msejjaħ biex jieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-persuni ta' Kalkutta. Għalhekk kienet tħobb tgħid: "Ibqa' fejn qiegħed. Sib il-Kalkutta tiegħek. Sib lill-morda, lill-batuti, lil dawk li huma waħedhom fejn tgħammar int – fi djar u fil-familji tiegħek, fil-postijiet tax-xogħol u fl-iskejjel. Tista' ssib lil Kalkutta kullimkien fid-dinja, jekk għandek l-għajnejn biex tara. Kullimkien, kull fejn tmur, ssib nies li mhumiex maħbuba, li mhumiex apprezzati, li mhux ikkurati, li huma sempliċiment injorati mis-soċjetà – totalment minsija u mħollija waħedhom." Huwa dmir tagħna bħala nsara li nfarrġu, nikkunslaw u nlibbsu lil dawn in-nies. Mhux bilfors ikollna nagħtuhom ħwejjeġ materjali, imma żgur li nistgħu nagħtuhom imħabba, żmien u preżenza.

***Fil-prattika għal dan ix-xahar***

- Ta' min infittxu li naraw nies imneżżgħin mir-rispett u d-dinijità;
- Ta' min nikkundannaw u ma nappoġġjawx kull forma ta' sfruttament ta' dawn il-persuni f'dak li hu xogħol;
- Ta' min nagħtu ħwejjeġ milli jkollna;
- Ta' min nixtru saħansitra xi ħwejjeġ ġodda u nagħtuhom bħala ġest ta' apprezzament u karità lil min għandu bżonn, bħalma xi drabi nagħmlu mal-familjari tagħna;
- Ta' min naqbżu xirja mill-katalgi, mill-websites, mill-ħwienet u nagħtu donazzjoni lil xi istituzzjoni li tieħu ħsieb lil min hu nieqes mill-bżonnijiet ta' kuljum.

Ejjew nagħrfu għalhekk li tlibbes li min hu għeri mhijiex kwistjoni biss li nagħtu affarijiet li ma rridux aktar, imma pjuttost li jkollna anqas, jiġifieri li ngħixu b'aktar sempliċità, u li noffru l-attenzjoni, il-ħbiberija u l-għajnuna lil min m'għandux il-meħtieġ.

***Dun David Farrugia***
Kappillan Ħal Safi







**Ingħaqdu mill-ġdid bil-Magħmudija**
Tristan Schembri



***Daħlu fil-ħajja ta' dejjem***
Katarina Monreal
Guido Falzon

# Id-Djarju tal-Parroċċa – Marzu 2016

***Il-Ġimgħa 4 ta' Marzu***
**L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**
Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:00pm - Adorazzjoni

***Il-Ħadd 6 ta' Marzu***
**Ir-Raba' Ħadd tar-Randan**

***It-Tnejn 7 ta' Marzu***
**L-Ewwel Qrara**
Fil-4:45pm - L-Ewwel Qrara fil-knisja parrokkjali.

***Il-Ġimgħa 11 ta' Marzu***
*Anniversarju Saċerdotali:*
Dun Karm Zammit – 49 sena (1967)
Mis-6:30pm sas-7:30pm -
Quddiesa u Adorazzjoni tas-Salib - Talb stil Taizè

***Is-Sibt 12 ta' Marzu***
Seminar ta' Jum għall-Koppji Miżżewġa
Mid-9:00am - Fiċ-Ċentru tal-Konferenzi tad-Dar Ħanin Samaritan, f'Santa Venera.

***Il-Ħadd 13 ta' Marzu***
**Il-Ħames Ħadd tar-Randan**
Fit-8:15am - Quddiesa bil-Preżentazzjoni tat-Tfal li għamlu l-Ewwel Qrara u li qed jiġu ppreparati għall-Ewwel Tqarbina.

***Il-Ħamis 17 ta' Marzu***
**Jum iddedikat għar-Rikonċiljazzjoni** -
Aħsbu għal Qrara tajba.
*Filgħodu - Qabel u matul il-ħin tal-quddies.*
*Filgħaxija - Mill-5:30pm 'il quddiem.*
Fis-5:45pm - Ċelebrazzjoni ta' Maħfra mmexxija minn tal-MUSEUM.
Fis-6:30pm - Quddiesa li matulha jibqa' għaddej il-qrar.
Fis-7:30pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

***Il-Ġimgħa 18 ta' Marzu***
**Festa Devozzjonali tad-Duluri**:
*Filgħodu:-* Mis-7:30am sat-8:15am - Qrar
Fit-7:45am - Quddiesa
*Filgħaxija:-* Mill-4:30pm sat-8:00pm - Qrar
Fil-5:30pm - Quddiesa
Fis-6:30pm - Purċissjoni
Wara l-Purċissjoni - Quddiesa

***Il-Ħadd 20 ta' Marzu***
**Ħadd il-Palm - Jum iż-Żgħażagħ**
Fit-8:00am - Nitilqu mill-Knisja, u ninġabru fuq iz-zuntier ta' Santa Marija.
Fit-8:15am - Inbierku iż-żebbuġ u nagħtu bidu għall-Purċissjoni qasira lejn il-knisja parrokkjali.
Fit-8:30am - Inkomplu bil-quddiesa.

***L-Erbgħa 23 ta' Marzu***
Fis-7:30pm – Via Sagra Nazzjonali organizzata mill-RTK.

***Il-Ħamis 24 ta' Marzu***
**Ħamis ix-Xirka**
Fis-7:30am – sat-8:00am Talb flimkien fil-knisja parrokkjali: L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum.
Fid-9:00am – Quddiesa mal-Arċisqof fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, li fiha jsiru t-Tberik taż-Żjut Imqaddsa u t-Tiġdid tal-Wegħdiet Saċerdotali.
Fil-5:00pm – Qrar
Fis-6:30pm – Quddiesa li fiha jsir il-Ħasil tar-Riġlejn u jitfakkar it-twaqqif tas-Sagrament tal-Ewkaristija.
Fit-8:30pm – Viżti animati mis-Sorijiet Dumnikani.
Fl-10:00pm – Adorazzjoni animata mill-Kummissjoni Familja u Grupp Koppji Miżżewġa.